# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 13

8 t'April 2025

It-tlettax (13)-il seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 8 t'April 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 13.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

13.1.1. Is-SE ressaq ittra t'apoloġija tal-Kunsillier JH. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

### 13.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

13.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-ħdax (11)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

13.2.2. Il-Viċi Sindku ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 11.5.2 li għandha taqra "**skema** ta' restawr".

13.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, JP, NH, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

13.2.4. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tnax (12)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

13.2.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 12.2.3.3 u talbet li jiġi kjarifikat "li **hi u l-Kunsillier JH** kienu kontra li l-laqgħa pubblika ssir quddiem xi binja speċifika".

13.2.6. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, JP, NH, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

13.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-inġinier ta' Transport Malta rigward il-ħin tat-traffic lights fejn wara l-ilment imressaq mis-Sindku, kien informah li l-ħin kien skont l-istandard walking pace li huwa 1.1 metri f'sekonda.

13.3.1.1. Is-Sindku qal li kien wieġbu li l-lokalità għandha popolazzjoni anzjana b'konsegwenza wkoll li minħabba l-età, ħafna mir-residenti għandhom ukoll problemi ta' mobbiltà, u għalhekk talab li jerġa' jikkunsidra l-ħin.

13.3.1.2. Is-Sindku qal li l-inġinier kien wieġbu li ma kienx ser ibaxxi rasu għad-domandi ta' ħaddieħor u insista li l-ħin huwa tajjeb u m'għandux jiġi rivedut.

13.3.1.3. Għalhekk is-Sindku ippropona li ladarba ma kienx intlaħaq ftehim, il-Kunsill iwaħħal tabella mat-traffic lights li jinformaw lill-pubbliku li minkejja l-isforzi tal-Kunsill, ma kienx hemm qbil, u li għalhekk kwalunkwe ilment għandu jgħaddi direttament għand Transport Malta.

13.3.1.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi kienet kontra din il-proposta u li l-Kunsill għandu jipprova jikkomunika bil-kelma t-tajba. Is-Sindku wieġeb li kien diġà prova jikkomunika bil-kelma t-tajba u offra lill-Kunsilliera SSH biex tieħu f'idejha din il-materja.

13.3.1.5. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jikteb lura lill-Transport Malta u jagħti erbgħa u għoxrin siegħa ċans mid-data tal-korrispondenza qabel ma jitwaħħlu dawn in-notifiki. Il-Kunsilliera JP issekondat din il-proposta u għalhekk il-Kunsill qabel b'maġġoranza li jimxi hekk kif propost mill-Viċi Sindku.

13.3.2. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mill-AKL jinfurmaw lill-kunsilli li l-entitajiet konċernati avviċinawhom bil-proposta li l-karti tal-identità jibdew jinġabru mill-kunsilli lokali u li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma jibdew jitħallsu fil-kunsilli lokali.

13.3.2.1. Is-SE ta rendikont tal-ħsieb li kien hemm wara dawn il-proposti u tal-kjarifiċi li kienu ntbagħtu min-naħa tal-ANSEK.

13.3.2.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx ġaladarba l-karti tal-identità kienu jinġabru minn Blata l-Bajda u l-kontijiet kienu diġà qed jitħallsu fil-fergħa tal-posta li hemm fil-lokalità. Minbarra dan, il-Kunsill kien ukoll joffri s-servizz ta' trasport b'xejn għar-residenti li jkollhom bżonn jaċċessaw das-servizzi.

13.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Ġewwa fejn talbu lill-Kunsill biex b'mod konġunt jorganizzaw ħarġa għal Għawdex nhar it-28 ta' Mejju 2025. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

13.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Grupp Ħidma San Publju li offrew lill-Kunsill jirreklama fil-paġna ta' wara fil-ktieb tal-festa għall-prezz ta' €350. Il-Kunsill qabel li ma jħallasx iktar mit-tariffa tas-sena li għaddiet.

13.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand TCTC fejn offrew li jiġu organizzati korsijiet tal-kompjuter fil-lokalità għall-prezz ta' €8000. Il-Kunsill ma qabilx.

13.3.6. Is-Sindku ressaq talba mingħand Dun Ġwann Farrugia għal kaxxa safra quddiem il-garaxx numru 5, Triq Sarria, Floriana sabiex ikunu jistgħu iħottu u jgħabbu l-apparat għat-trażmissjoni.

13.3.6.1. Wara d-diskussjoni, il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-kaxxa tkun bil-ħinijiet u mhux għal matul il-ġurnata kollha. Il-Kunsilliera JP u l-Kunsilliera SSH kienu favur din il-proposta, filwaqt li s-Sindku NH kien kontra. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-persuna in kwistjoni tipprovdi l-ħinijiet li għandha bżonn.

13.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Pulizija tal-Komunità fejn talbu spazju ta' parkeġġ addizzjonali ma' dak eżistenti fi Triq Sant'Anna. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li jiżdied spazju ta' parkeġġ riservat ieħor.

13.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Sur Adrian Mizzi li talab lill-Kunsill ir-raġuni għalfejn kienet għadha ma ħarġitx in-no objection mill-Kunsill.

13.3.8.1. Is-Sindku qara l-korrispondenza tad-Direttur Ġenerali kif ukoll ir-risposta tal-Avukat tal-Kunsill.

13.3.8.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa urġenti mal-Avukat tal-Kunsill sabiex tittieħed deċiżjoni definittiva.

13.3.9. Is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw l-uniformijiet tal-ħaddiema klerikali. Il-Kunsill qabel li jmur għall-orħos offerta.

13.3.10. Is-Sindku għamel riferenza għan-nominazzjoni tat-Tonna Trophy. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li n-nomina għandha tasal għand il-Fsobians sal-Ħamis ta' wara.

## 13.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

13.4.1. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-fondi tad-dwal ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi u Ġnien Vilhena u staqsa jekk kienx hemmx risposta. Is-SE qal li kien informat li kienu ser jikkunsidraw it-talbiet tal-Kunsill iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Viċi Sindku talab li tintbagħat tfakkira.

13.4.2. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għaċ-ċint taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li s-Surġent tal-Pulizija tal-Komunità kien informah li kien ser isegwi l-materja iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Viċi Sindku JAE talab li tintbagħat tfakkira.

13.4.3. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għaċ-ċint ta’ quddiem l-Ambaxxata Torka u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li x-xogħol fuq iċ-ċint kien għaddej ġmielu u li kellu jitlesta sal-aħħar tal-ġimgħa.

13.4.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet dwar il-bozza li hemm fi Triq San Tumas kantuniera ma’ Triq San Publju. Is-SE qal li din il-bozza kienet ġiet irrapportata.

13.4.4.1. Is-Sindku żied jgħid li kien tkellem mal-kuntrattur huwa stess sabiex din tingħata prijorità.

13.4.4.2. Is-Sindku talab lill-kunsillieri sabiex jagħmlu pressjoni lill-kuntrattur huma wkoll.

13.4.5. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għas-CCTVs u staqsiet jekk kienx hemm risposta fuq il-monitoraġġ mingħand il-LESA. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m’hemmx risposta dwar dan.

13.4.6. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għas-sinjali tal-veloċità fi Triq Nazzjonali u Triq Sant’Anna u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE ta rendikont tal-korrispondenza mibgħuta sa dakinhar. Il-Viċi Sindku JAE talab li tintbagħat tfakkira.

**Nota: 18:30 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**
**18:31 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

## 13.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

13.5.1. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera SSH jekk kienx iltaqa’ s-sottokumitat tal-anzjani. Il-Kunsilliera SSH qalet li sa dakinhar kien għadu ma ltaqax u li hi informata li għandu jiltaqa’ wara l-Għid.

**Nota: 18:32 Is-Sindku talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 13.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA’ PAGAMENTI

13.6.1. Il-Viċi Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 11/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

13.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JP u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 13.7 MASĠAR IL-ĠUBLEW

13.7.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal-laqgħa li kellu ma' Project Green u ippreżenta għall-attenzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa. Huwa ta rendikont ta' x'intqal matul il-laqgħa.

13.7.2. Huwa qal li kien ġie diskuss il-ħsieb li dan il-masġar isir park nazzjonali fejn it-tweġiba kienet li ser ikun amalgamat ma' proġett botaniku li minnu nnifsu huwa park nazzjonali.

13.7.3. Il-Viċi Sindku qal ukoll li kien staqsa dwar il-marki ħomor li kienu ġew innotati mas-siġar u qal li kien informat li dawn kienu saru wara li s-siġar kienu ġew ittestjati. Huwa żied jgħid ukoll li kien ġie informat li jaf ikun hemm bżonn li jinqalghu xi siġar u jitħawwlu band'oħra fil-park stess jew x'imkien ieħor, sabiex ma jintilfux siġar.

13.7.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien staqsa wkoll dwar l-annimali selvaġġi li hemm f'dan il-masġar u informa li kien għaddilhom lista aġġornata tal-ispeċi li jinstabu fil-masġar.

13.7.5. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-park ser ikun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u li ma kienux ser jitneħħew il-passaġġi preżenti.

13.7.6. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien staqsa dwar l-entertainment area li hemm indikata u kien informat li din iż-żona mhux ser tkun bħal tas-Salina minħabba li nkella ttellef in-natural tal-masġar tal-Ġublew.

**Nota: 18:37 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

13.7.7. Il-Viċi Sindku ikkonkluda billi qal li kienu nformawh li kien ser isir xi xogħol fuq is-swar ta' madwar il-masġar mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u li kien se jsir dawl sostenibbli li se jkun installat b'tali mod li ma jtellifx l-annimali selvaġġi taż-żona.

## 13.8 JUM IL-FLORIANA

13.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi staqsa x'kien l-irwol tal-Bord tal-Evalwazzjoni li kien inħoloq fir-rigward ta' Jum il-Floriana. Is-SE spjega kif il-bord kien inħoloq sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet imressqa imbagħad iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill.

13.8.2. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx mal-fatt li jkun hemm bord iżda jekk hemm qbil b' maġġoranza, allura ippropona li l-kunsillieri għandhom jieħdu ħsieb jinnominaw nies sabiex ikunu membri fuq dan il-bord.

13.8.3. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk hux każ li din id-darba il-Kunsill jiddeċiedi hu peress li ma kienx fadal wisq żmien għall-attività. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi kontra li ma jkunx hemm bord.

13.8.4. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-membri passati ta' dan il-bord sabiex jaraw jekk hemmx interess li jerġgħu joqgħodu fuq il-bord. Kien hemm qbil li jingħata ġimgħa ċans għan-nominazzjonijiet.

13.8.5. Is-Sindku qal li l-kunsillieri għandhom jieħdu ħsieb jaħsbu ftit fuq il-premju ta' Ġieħ il-Floriana peress li ma kienx għad fadal wisq żmien.

## 13.9 Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kriżi Demografika

13.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien iltaqa' mat-town planner tal-Kunsill fejn ġiet diskussa il-kriżi demografika tal-lokalità. Huwa qal li xtaq li l-kunsillieri kienu preżenti għal din il-laqgħa.

13.9.2. Is-Sindku qal li kienet daħlet applikazzjoni oħra għal boutique hotel fi Triq is-Suq.

13.9.3. Huwa qal li xtaq jara jekk il-Kunsill kienx issottometta ir-rappreżentazzjoni tiegħu.

13.9.4. Is-Sindku qal li jrid jiġi ċċarat jekk il-permess ikoprix it-tul kollu jew sempliċiment parti biss.

13.9.5. Is-Sindku qal ukoll li nel frattemp kienet intalbet laqgħa lill-Prim Ministru u jittama li jkun hemm risposta f'qasir żmien.

**Nota: 18:49 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

13.9.6. Is-Sindku qal li l-lokalità kienet taħt assalt u kien staqsa lill-konsulenti tal-Kunsill taħt liema pretest kien ingħata dan il-permess fi Triq Sant'Anna. Huwa kienu wieġbu li din iż-żona kienet tippermetti ċertu żvilupp.

**Nota: 18:50 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

13.9.7. F'dan ir-rigward huwa issuġġerixxa li l-Kunsill jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-ħruġ tal-permess ta' Triq Sant'Anna u li l-Kunsill jerġa' jressaq l-argument tiegħu f'dan is-sens. Il-Kunsill qabel mal-proposta bl-eċċezzjoni tal-Kunsilliera SSH li astjeniet.

13.9.8. Il-Viċi Sindku JAE offra li jikkomunika mal-President tal-MCESD sabiex jitkellem magħhom dwar dan. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

13.9.9. Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa kien ippropona li l-Kunsill jiltaqa' m'entitajiet li jistgħu jgħinu bħalma huma l-Fondazzjoni għal ambjent aħjar, Kummissjoni ġustizzja u paċi tal-

Arċidjoċesi ta' Malta, Fondazzjoni għal housing affordabbli u ma' Friends of the Earth Malta.

13.9.10. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienitx intbagħtet korrispondenza lill-ministeri konċernati, lill-Ministeru tal-Finanzi u lill-Ministeru tal-Housing. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb jikkomunika magħhom.

13.9.11. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jibqa' jaħdem dwar din li sejħilha "il-kriżi demografika u d-diżintegrazzjoni tal-komunità Furjaniża". Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jagħmel riferenza fit-titlu bħal "it-triq 'il quddiem għal riġenerazzjoni denja" ħalli jkun hemm enfasi li qed isir xi ħaġa dwar din il-problema u li l-Kunsill qed iressaq proposti.

## 13.10 EMENDA TAL-BYE-LAW DWAR L-UŻU TAL-FAĊILITAJIET

13.10.1. Is-SE fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien bagħat l-informazzjoni li kellu bħall-kopja tal-bye law kif inhi preżentement kif ukoll kopja tat-tabella ta' Ġnien l Argotti biex wieħed ikun jista' jieħu idea aħjar.

13.10.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk il-Kunsill hux ser jimxi mal-istess kriterji jew jekk hux ser ikun hemm eċċezzjonijiet għal entitajiet differenti jew għaqdiet lokali, eċċ.

13.10.3. Is-SE qal li dawn l-affarijiet għandhom jiġu diskussi u ċċarati u l-prezzijiet għandhom jiġu aġġornati għaż-żminijiet tal-lum.

13.10.4. Għalhekk wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa f'iktar dettall fil-laqgħa li jmiss.

## 13.11 FANALI ORNAMENTALI PJAZZA SAN PUBLJU

13.11.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għall-fanali ornamentali fi Pjazza San Publju.

13.11.2. Huwa qal li jidher li ħadd mill-entitajiet governattivi ma jrid jieħu responsabbiltà tal-fanali ornamentali.

13.11.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-aħħar li ġiet diskussa, kien ġie propost li jgħaddu trinka minn fuq il-Fosos iżda ma kienx hemm qbil.

13.11.4. Is-Sindku qal li hu kontra dan u x-xogħol għandu jsir sew billi jgħaddi kollox minn taħt iċ-ċangatura.

13.11.5. Wara li ddiskuta, is-Sindku qal li għandu jieħu din il-materja f'idejh sabiex ikun jista' jkompli jsegwiha.

## 13.12 DEVOLUZZJONI TA' PJAZZA SAN PUBLJU

13.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi talab lill-Viċi Sindku JAE jagħmel xi punti.

13.12.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li minn dak li ra, l-emendi li kien talab il-Kunsill kienu ġew ingassati kważi kollha. Għalhekk hu ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa oħra sabiex jistaqsi x'kienu r-raġunijiet għalfejn l-emendi proposti mill-Kunsill ma kienux ġew inklużi.

13.12.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandha terġa' tintalab laqgħa hekk kif propost mill-Viċi Sindku JAE.

13.12.4. Is-Sindku qal li ladarba sseħħ din il-laqgħa hu kien ser jipproponi li tintalab id-devoluzzjoni ta' Pjazza San Publju.

## 13.13 DAWL DEKORATTIV FI TRIQ SANT' ANNA

13.13.1. Din il-materja ma ġietx diskussa.

## 13.14 PROĠETT TRIQ L-ISQOF MAURO CARUANA

13.14.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi staqsa jekk kienx hemm risposta mir-residenti ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana biex tinżamm laqgħa mal-Kunsill.

13.14.2. Is-SE qal li wieħed mir-residenti kien avviċinah u qallu li ma kienx jaf lil liema residenti kien ser jitlob biex jattendu għal-laqgħa.

13.14.3. Qamet diskussjoni fuq kif wieħed l-aħjar li jipproċedi dwar dan.

13.14.4. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li tintbagħat ittra lir-residenti kollha tat-triq iżda ma kienx hemm sekondant.

13.14.5. Is-Sindku qal li hu jrid jisma' mingħand min kien favur il proġett oriġinali mhux mingħand ir-residenti kollha.

13.14.6. Is-Sindku talab li l-Kunsill ikellem lis-Sur Agius sabiex jiltaqa' wara li jgħaddu l-festi u li jingħata sa tliet ġimgħat ċans biex tissejjaħ din il-laqgħa. F'każ li l-laqgħa ma tissejjaħx, huwa ippropona li l-Kunsill imexxi bil-pjan kif ġie maqbul bejn il-Kunsill u l-kuntrattur. Il-Viċi Sindku issekonda din il-mozzjoni u għalhekk ittieħed vot, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (NH, JAE, JP)
Kontra: 1 (SSH)
Astensjonijiet: 0

## 13.15 'Padel Court' / Piċċ tal-Futbol fiċ-Ċentru Rikreattivi r-Re Ġorġ V

13.15.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kellu jiltaqa' ma' kumpanija oħra biex jiġu kkunsidrati l-proposti tagħhom ukoll. Minħabba li l-Kunsillier JH ma kienx preżenti ma setax ikun hemm konferma.

13.15.2. Is-Sindku għamel riferenza għall-piċċ tal-futbol u qal li l-Kunsill kien wasal biex joħroġ is-sejħa għall-offerti appena tkun ivvettjata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 13.16 Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.16.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kienet inżammet laqgħa mal-parteċipanti. Is-Sindku żied jgħid li kien għamilha ċara li l-festival kien organizzat mill-Kunsill b'mod konġunt mal-Awtorità tat-Turiżmu.

13.16.2. Huwa kompla jgħid li kienet qed tiġi involuta direttament l-Għaqda Piroteknika Maltija.

13.16.3. Is-Sindku qal li hemm dokument li jinkludi l-istandard operating procedures bejn l-Għaqda Piroteknika Maltija, l-Awtorità tat-Turiżmu u l-Kunsill Lokali Floriana biex kulħadd jopera f'ambitu wieħed u l-festival ikun organizzat aħjar.

## 13.17 Linji Sofor quddiem hekk imsejħa garaxxijiet

13.17.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien qabel li terġa' titressaq il-byelaw tal-garaxxijiet biex jiġu eliminati numru ta' garaxxijiet li ma jintużawx bħala garaxx.

13.17.2. Is-Sindku qal li l-Avukat tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kienet informat li dan ma kienx xogħol tal-Kunsill iżda ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li min-naħa l-oħra, Transport Malta kienu qalu li permessi għall-garaxxijiet jinħarġu mill-Awtorità tal-Ippjanar.

13.17.3. Is-Sindku qal li minkejja dan kollu, mhuwiex ġust li postijiet li huma store jew ħanut, eċċ, qed ikollhom kaxxa safra bħallikieku kienu garaxx u jkomplu jżidu l-problema fuq il-parkeġġ għar-residenti.

## 13.18 Laqgħa mal-Kunsill tat-Tfal tal-Iskola Primarja

13.18.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien iltaqa' mas-Surmast fejn kien ġie propost li ssir laqgħa mal-Kunsill tat-Tfal tal-iSkola Primarja sabiex jiġu diskussi l-proposti tat-tfal.

13.18.2. Il-Kunsill laqa' l-proposta.

## 13.19 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

13.19.1. Il-laqgħa intemmet fit-19:30 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta' Mejju 2025**

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv